**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 6**

**Rikors Maħluf Numru 719/2021 NC**

**Michael Debono Limited**

**vs.**

**Gabriela Milczarek**

Illum ħamsa (5) ta' April 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Michael Debono Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuta, fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf, erba' mija u sitta u tletin euro (€49,436) rappreżentanti in kwantu:*

i. *€2,517.54 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 10 sa 25 li huma skaduti u in kwantu għal € 6,118.39 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument A u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 29 ta' Mejju 2019 dwar il-vettura tat-tip Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni DCM-826 Dokument B hawn anness;*

ii. *€10,115.45 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 1 sa 16 li huma skaduti u in kwantu għal €28,670.67 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument C u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 24 ta' Frar 2020 dwar il-vettura tat-tip Range Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni BCP-269 Dokument D hawn anness;*

iii. *€ 851.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 11 sa 25 li huma skaduti u in kwantu għal €1,162.45 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument E dwar il-vettura tat-tip Keeway bin-numru ta' reġistrazzjoni DCM-664.*

*2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi, l-intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.*

*3. Illi għalkemm il-konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas l-imsemmi ammont, hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.*

*4. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.*

*5. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

> *1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas s-somma fl-ammont disgħa u erbgħin elf, erba' mija u sitta u tletin Euro (€ 49,436) rappreżentanti in kwantu:*
>
> *a. €2,517.54 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 10 sa 25 li huma skaduti u in kwantu ghal €6,118.39 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument A u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 29 ta' Mejju 2019 dwar il-vettura tat-tip Suzuki Swift Silver bin-numru ta' reġistrazzjoni DCM-826 Dokument B hawn anness;*
>
> *b. €10,115.45 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 1 sa 16 li huma skaduti u in kwantu għal €28,670.67 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument C u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 24 ta' Frar 2020 dwar il-vettura tat-tip Range Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni BCP-269 Dokument D hawn anness;*
>
> *c. €851.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 11 sa 25 li huma skaduti u in kwantu għal €1,162.45 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument E dwar il-vettura tat-tip Keeway bin-numru ta' reġstrazzjoni DCM-664.*
>
> *3. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid preżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti [recte: konvenuta] li huma [recte: hija] minn issa stess nġunti [recte: nġunta] għas-subizzjoni tagħhom [recte: tagħha]".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-Digriet tagħha tat-30 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 28) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u li l-konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher

dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi, minkejja li l-konvenuta Gabriela Milczarek ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija għażlet li ma tressaq l-ebda Nota skont Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u hija naqset milli tidher għas-seduta tallum u b'hekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi (inkluż mid-Dikjarazzjoni tal-Fatti ta' Catriel Farrugia in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi – *a fol.* 4) jirriżulta li s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuta fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf, erba' mija u sitta u tletin Euro (€49,436) rappreżentanti in kwantu:

- €2,517.54 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 10 sa 25 li huma skaduti u in kwantu għal €6,118.39 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu u dan wara skrittura ta' *hire-purchase* datata 29 ta' Mejju 2019 dwar il-vettura tat-tip Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni DCM-826;

- €10,115.45 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 1 sa 16 li huma skaduti u in kwantu għal €28,670.67 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu u dan wara skrittura ta' *hire-purchase* datata 24 ta' Frar 2020 dwar il-vettura tat-tip Range Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni BCP-269;

- €851.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 11 sa 25 li huma skaduti u in kwantu għal €1,162.45 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu dwar il-vettura tat-tip Keeway bin-numru ta' reġistrazzjoni DCM-664.

Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet lill-konvenuta sabiex tħallas l-ammont dovut minnha, l-ammont in

kwistjoni baqa' ma tħallasx minnha u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li l-konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Illi fid-depożizzjoni mogħtija fis-seduta tallum minn Jeffrey Testa in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi jingħad li l-ammont dovut mill-konvenuta baqa' ma tħallasx.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-konvenuta Gabriela Milczarek tħallas is-somma dovuta minnha kif hawn fuq imsemmi ta' disgħa u erbgħin elf, erba' mija u sitta u tletin Euro (€49,436) lis-soċjeta' attriċi;

(3) Tilqa' t-tielet (3) talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-konvenuta Gabriela Milczarek tħallas l-ispejjeż inklużi dawk

tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Qbid imsemmija fir-Rikors Maħluf, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**